MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tat-22 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 284/2009

**A B, u b' digriet tat-12 ta' Jannar 2012 il-kunjom B gie sostitwit bil-kunjom C, mart D B, f' isimha proprju u bhala kuratrici ad litem tal-minuri E O.J., u F G**
**vs**
**D B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-atturi ppremettew u talbu hekk: li l-attrici ilha separata de facto minn mal-konvenut minn Settembru 2004; li sussegwentement il-konvenut dahal il-habs fis-17 ta' Jannar 2005 u hareg fis-17 ta' Frar 2006; li waqt li l-konvenut kien il-habs, l-attrici weldet il-minuri Tara Aliah fis-17 ta'Jannar 2006, u din giet gudizzjarjament dikjarata [fis-17 ta' Jannar 2006] bhala il-wild naturali ta' l-attur li mieghu l-attrici kellha relazzjoni kostanti; li sussegwentement l-atturi kellhom wild iehor E O.J li twieled fit-30 ta' Novembru 2007; li ghalhekk anke dan it-

tieni wild mhuwiex it-tifel tal-konvenut; ghalhekk qed titlob li din il-Qorti [1] tiddikjara li t-tarbija E O.J. li twieled fit-30 ta’ Novembru 2007, skont ic-certifikat tas-sena 2007 m’ ghandux bhal missier lill-istess konvenut D B, imma missier it-tarbija huwa l-attur l-iehor F G (ta’ passaport Norvegiz 21235392) bin Kiell Erik u Aud Marit nee’ Henriksen, imwieled fil-Tromso. Bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-konvenut li biha kkonferma l-kontenut tar-rikors guramentat, u ammetta t-talba;

Semghet ix-xhieda tal-partijiet bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-atturi qed jitolbu minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifel E O.J li twieled mill-attrici A C, gja B, fit-30 ta’ Novembru 2007, izda registrat fl-att tat-twelid tieghu bhala bin il-konvenut, huwa fil-fatt il-wild naturali ta’ l-attur.

Illi l-attrici, oltre li kkonfermat il-kontenut tar-rikors guramentat, issostni li r-relazzjoni li hi kellha ma’ l-attur l-iehor kienet wahda esklussiva.

Illi l-Qorti hija tal-fehema li t-talba attrici hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet attrici, u tiddikjara li t-tifel E O.J li twieled mill-attrici fit-30 ta’ Novembru 2007 huwa l-wild bijologiku tal-attur F G, bin Kiell Erik u Aud Marit nee’ Henriksen, imwieled fi Tromso.

L-ispejjez ikunu a kariku ta’ l-attrici f’ isimha proprju, u tal-attur, konguntivament, fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------